A.L. 250 ta' l-2007

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi
(Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ghamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib). Titolu.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti ta' l-2006". Tifsir. A.L. 79 ta' l-2006.

3. Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar taħt ir-regolament 10 (6)(t)(i),(ii) u (iii) tar-Regolamenti ta' l-2006, il-Ministru stabbilixxa:- Jiġi stabbilit l-istaġun.

(a) kaċċa minn fuq l-art għandha ssir bejn l-1 ta' Settembru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008, bejn saghtejn qabel tlugħ ix-xemx u saghtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn saghtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00 p.m.) fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi:

Iżda, kaċċa minn fuq l-art bejn il-15 ta' Settembru 2007 u t-30 ta' Settembru 2007, ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt wara l-ħin tat-3.00 ta' wara nofsinhar (3.00 pm);

(b) kaċċa minn fuq il-baħar għandha ssir bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008;

(ċ) teħid ta' għasafar ta' l-għana għandu jsir bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008;

(d) teħid ta' Gamiem u Summien għandu jsir bejn l-1 ta' Settembru 2007 u l-31 ta' Jannar 2008;

(e) teħid ta' Pluviera u Malvizz għandu jsir bejn l-20 ta' Ottubru 2007 u l-10 ta' Jannar 2008.

Applikabbilità ghat-teħid u kaċċa fuq il-fenek selvaġġ.

4. Il-ħinijiet li japplikaw għat-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ bejn il-15 ta' Settembu 2007 u t-30 ta' Settembu 2007, għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-proviso tal-paragrafu (a) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

L.N. 250 of 2007

ENVIRONMENT PROTECTION ACT
(CAP. 435)

Conservation of Wild Birds
(Declaration of the periods for Hunting and Taking)
Regulations, 2007

BY VIRTUE of the powers conferred by article 9 of the Environment Protection Act, and in terms of the provisions of regulation 10(6)(t) of the Conservation of Wild Birds' Regulations, 2006, the Minister for Rural Affairs and the Environment has made the following regulations :–

1. The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Declaration of the periods for Hunting and Taking) Regulations, 2007. Citation.

2. Terms and expressions used in these regulations, unless the context otherwise requires, shall have the same meaning as given to them in the Conservation of Wild Birds Regulations, 2006, hereinafter referred to as the "2006 Regulations". Interpretation. L.N. 79 of 2006.

3. For the purposes of establishing the period for the hunting and capturing of Turtle Dove and Quail under regulation 10(6)(t)(i), (ii) and (iii) of the 2006 Regulations, the Minister has established the following dates:– Establishing of periods.

(a) the hunting of birds on land shall be permitted between the 1st September 2007 and the 31st January 2008, betwen two hours before sunrise and two hours after sunset on any day between Monday and Saturday, and between two hours before sunrise and 1 o' clock in the afternoon (1.00 p.m) on Sundays and Public Holidays:

Provided that hunting on land between the 15th September 2007 and the 30th September 2007 shall not be permitted from Monday to Saturday after 3.00 pm;

(b) the hunting of birds at sea shall be permitted between the 1st October 2007 and the 31st January 2008;

(c) taking of finches shall be allowed between the 1st October 2007 and the 31st January 2008;

(d) taking of Turtle Dove and Quail between the 1st September 2007 and the 31st January 2008; and

(e) taking of Golden Plover and Song Thrush between the 20th October 2007 and 10th January 2008.

Applicability of the taking and shooting of Wild Rabbit.

4. The applicable times for the taking and shooting of wild rabbits between the 15th September 2007 and the 30th September 2007 shall be as established in the proviso to paragraph (a) of regulation 3 of these regulations.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz/*Price*
Lm0.08 (€0.19)